# L-INTERESS TAL-ISTUDJUŻI BARRANIN

# FL-ILSIEN MALTI

**ILLUM ŻDIEDU SEWWA L-BARRANIN LI, GĦAL RAĠUNIJIET PRATTIĊI, JITGĦALLMU JITKELLMU BIL-MALTI, BĦALMA HUMA TANT ŻGĦAŻAGĦ BARRANIN LI QED ISIBU X-XOGĦOL FIL-GŻEJJER TAGĦNA U L-INTERPRETI BARRANIN LI JŻIDU L-MALTI BĦALA LSIEN IEĦOR LI JITTRADUĊU MINNU. F'DAN L-ARTIKLU TAL-PROF. ALBERT BORG U L-PROF. MANWEL MIFSUD NIFFOKAW FUQ L-INTERESS LI WREW BOSTA STUDJUŻI BARRANIN FIL-MALTI, MHUX GĦALL-UŻU PRATTIKU IMMA GĦAX RAW FIH LINGWA TASSEW INTERESSANTI FIL-BINJA TAGĦHA**




Faċċata minn Propugnaculum Europae ta' Hieronymus Megiser (Leipzig, 1606) li turi whud min-numri bil-Malti, meħuda minn Friggieri, A. u Freller, T. Malta: *The Bulwark of Europe*, Gutenberg Press, (Malta, 1998), p. 97

Fl-antik il-Malti kellu ċertu seħer bħala lsien kurjuż, 'djalett' tal-Għarbi mitkellem minn poplu Nisrani u eventwalment miktub bl-alfabett Latin. Sa mis-sekli sittax u sbatax, xi vjaġġaturi li waqfu Malta, bħal Hieronymus Megiser (Ġermaniż, 1585) u Philip Skippon (Ingliż, 1664), iħallulna deskrizzjonijiet ta' dak li raw u jagħtuna wkoll listi ta' kliem bil-Malti kif dehrilhom li semgħuh.

Din it-tradizzjoni mhux biss tissokta, imma maż-żmien minn sempliċi kurżità 'turistika' tinbidel f'domanda xjentifika – ħrara biex jifhmu nisel l-ilsien Malti u min huma l-qraba tiegħu, sewwasew kif kienet qed tagħmel ma' ilsna oħra r-riċerka lingwistika taż-żmien. Hekk fis-seklu tmintax insibu x-xogħol ta' Ġermaniż ieħor, Johannes Henricus Maius (1718) u – ħaġa interessanti – it-teżi dwar il-Malti tal-Iżvediż Anders Henric Corvin, ippreżentata għad-dottorat fl-Università ta' Lund fl-1793. Fost l-istudjużi li kitbu fis-seklu dsatax insibu lil Johannes Christoph Adelung (1805), Johann Joachim Bellerman (1809), Heinrich Friedrich Wilhelm Gesenius (1810), Sylvestre Antoine-Isaac De Sacy (1829) u Luigi Bonelli (1897). Dawn huma kollha ismijiet li jfissru ħafna għal min huwa midħla tal-istudji xjentifiċi, l-aktar tal-ilsna Semitiċi. Din hija xhieda ċara tal-attenzjoni kbira li kien qed jirċievi l-ilsien Malti fiċ-ċrieki kulturali Ewropej mill-aqwa letterati taż-żmien.

Imma l-lista tkompli titwal fis-seklu għoxrin: Theodor Nöldeke (1904), Hans Stumme (1904), Karl Brockelmann (1908), Vassily Basil Roudanovsky (1909), Bertha Ilg (1914), Charles Louis Dessoulavy (1936), Edmund Sutcliffe (1936) u Giuseppe Barbera (1939). It-twaqqif tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta fl-1935 wassal għal għadd sabiħ ta' pubblikazzjonijiet f'rivisti xjentifiċi internazzjonali. Dan kompla jqajjem l-interess fl-istudju xjentifiku ta' lsienna, l-aktar bħala lsien Semitiku b'rabta mad-djaletti tal-Għarbi. Fost dawn insemmu lil Helmut Lüdtke (1968), Peter Schabert (1970), Fernande Krier (1975), Gilbert Puech (1976), Otto

## MILL-KURŻITÀ TAL-BIDU GĦALL-ATTENZJONI U R-RIĊERKA LINGWISTIKA SERJA TA' ISSA, L-ILSIEN MALTI GĦAMEL PASSI KBAR

Jastrow (1979), Martine Vanhove (1980), Reinhold Kontzi (1980) u Bernard Comrie (1982). Dawn kollha ppubblikaw studji dwar aspetti differenti tal-Malti li għenu biex il-Malti ħa postu bħala qasam ta' riċerka u mhux iżjed sempliċement bħala kurżità intriganti.

It-twaqqif fl-1988 tal-Istitut tal-Lingwistika fl-Università fetaħ toroq ġodda fl-istudju sinkroniku tal-Malti bħala lsien oriġinarjament Semitiku imma b'tant żviluppi interessanti li jirriżultaw mil-laqgħa intima tiegħu mal-Isqalli, mat-Taljan u mal-Ingliż. B'hekk il-Malti bħala lingwa mħallta beda jiġbed l-attenzjoni ta' wħud fost l-aqwa lingwisti ħajjin, u l-aktar tat-tipoloġisti li jixħtu ħarsithom fuq il-lingwi kollha fid-diversità tagħhom biex josservaw il-qbil u d-differenzi ta' bejniethom, bħal Frans Plank, David Gil, Greville G. Corbett, John R. Payne, Edith Moravcsik, Martin Haspelmath, Maria Koptjevskaja-Tamm, Leon Stassen u Thomas Stolz.

Bis-saħħa ta' dan il-professur Ġermaniż u tal-koperazzjoni internazzjonali tal-Università ta' Malta mad-Dipartiment tal-Lingwistika fl-Università ta' Bremen, il-Ġermanja, fl-2007 tlaqqgħet l-ewwel Konferenza Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija: fiha ħadu sehem 'il fuq minn 50 studjuż mill-Ewropa, mill-Asja u mill-Amerka li ddiskutew preżentazzjonijiet dwar l-oqsma differenti tal-istudju xjentifiku tal-Malti. F'dik l-okkażjoni twaqqfet l-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija li kull sentejn torganizza konferenza internazzjonali dwar l-ilsien Malti f'pajjiż differenti.

F'dan l-artiklu mhux qed insemmu tant studjużi bravi Maltin li f'kull żmien għenu bl-istudji u bil-parteċipazzjoni f'konferenzi internazzjonali, kif ukoll bil-kuntatti tagħhom ma' dawn il-barranin.

Nistgħu ngħidu li, mill-kurżità tal-bidu għall-attenzjoni u r-riċerka lingwistika serja ta' issa, l-ilsien Malti għamel passi kbar tant li, bl-istorja mżewqa u bl-istruttura mħawra tiegħu, qiegħed jiġbed dejjem aktar l-attenzjoni ta' wħud fost l-aħjar lingwisti dinjin.

**Tagħrif ieħor fuq l-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija u ċ-Ċentru tal-Malti fi Bremen issibu hawn**
*www.uni-bremen.de/fb-10/studium/linguistik/ghilm/bil-malti*